# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
(Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)

**Il-ktieb għas-sena 1987** **It-63 Sena**

***Editorjal***

## Speċjali, u mhux

IS-SENA L-OĦRA, għall-Akkademja tal-Malti, kienet sena speċjali. Matulha, *IL-MALTI*, ir-rivista magħrufa tagħha, ħarġet darbtejn u kull darba b'numru speċjali: wieħed fakkar poeta ferm magħruf u ex-President tar-Repubblika, Anton Buttiġieġ; l-ieħor fakkar il-poeta nazzjonali Dun Karm f'egħluq il-25 sena minn mewtu. Dawn iż-żewġ numri swew lill-Bord Editorjali ħafna taħbit, sabu l-għajnuna minn ħafna nies u kienu milqugħa tajjeb ferm minn mijiet ta' qarrejja.

Din is-sena, għall-Akkademja tal-Malti, m'hix mistennija tkun sena speċjali, bħal ta' qabilha. Ibda biex dan in-numru hu ordinarju – dan ma jfissirx li m'hemmx xi ġrajja jew xi persuna li għandha titfakkar, kif anqas ma jfisser li nippubblikaw dak li jiġi f'idejna, anzi noqogħdu dejjem attenti biex nippreżentaw lill-qarrejja materjal mill-aħjar u fl-istess ħin imżewwaq b'diversi manjieri. Imbagħad, din is-sena ma tistax tkun bħal ta' qabilha għax fiha ġiena xahar speċjali, April, li matulu tlifna tnejn mill-imseħbin magħrufa tagħna . . .

Min kellu jgħidlu lill-poeta magħruf u maħbub tas-Siġġiewi, *Karmenu Vassallo*, li kien se jgħaddi mill-misteru tal-Għid għaxart ijiem qabel il-Ġimgħa l-Kbira? Biex tagħqad, għaxart ijiem wara l-Għid, il-Mulej għoġbu jsejjaħ lill-P. Alfred Previ, magħruf bħala kittieb u wisq aktar bħala għalliem ta' ħila. F'medda ta' tliet ġimgħat Malta tilfet tnejn minn uliedha li għamlulha ġieħ għax ħaddmu bl-aqwa sengħa l-ilsien li jagħżilna fost il-ġnus u li t-tnejn għallmuh lil eluf ta' żgħażagħ. Iż-żewġ kittieba matul is-snin taw is-sehem tagħhom lil din ir-rivista, imma P. Previ taha aktar ukoll għax għal xi żmien sas-sena l-oħra kien l-Editur u baqa' magħna fil-Bord Editorjali. "Id-dawl tal-Mulej jiddi dejjem fuqhom!"

Din l-art ħelwa – kif drajna nsejħu 'l Malta bi kliem Dun Karm – għandha wirt mill-isbaħ li bih mhux biss nifirħu u niftaħru, imma jmissna wkoll inħarsuh mill-aħjar li nistgħu. L-ilsien Malti jagħmel sehem sħiħ minn dan il-wirt nazzjonali tagħna lkoll. Ma kienx b'kumbinazzjoni li fl-1921, meta twieldet l-awtonomija tal-poplu tagħna, twaqqfet ukoll l-Akkademja bil-ħsieb li tħares id-dinjità ta' Lsienna li maż-żmien kiseb għarfien uffiċjali u nazzjonali minn gvernijiet differenti.

Matul is-snin l-Akkademja tal-Malti ħadmet bis-sħiħ u stinkat biex l-Ilsien nazzjonali tagħna lkoll jinkiteb b'ortografija waħda u xjentifika, imfissra ċar fit-"Tagħrif" li ħareġ mill-istamperija tal-Gvern fl-1924. Mal-mixja tas-snin f'lingwa ħajja bħalma hi tagħna, inħasset il-ħtieġa għal aġġornament fl-ortografija u għal-hekk fl-1984 ħarġet "Żieda mat-Tagħrif".

Kemm hu lingwa ħajja l-Malti nafuh ilkoll b'ħafna manjieri . . . Sikwit nintebħu li dawk fostna li jħossuhom aktar komdi b'lingwa oħra, malli jiltaqgħu ma' xkiel li ma jħallihomx ifissru ruħhom ċar b'dik il-lingwa, malajr jaqgħu għall-Malti! Il-Maltin emigranti bir-raġun kollu jfittxu li jintegraw ruħhom f'komunitajiet ġodda, imma fost dawk li jogħġobhom iżommu ħajja l lingwa ta' missirijiethom nosservaw evoluzzjoni lingwistika interessanti. Din ridna nuruha lill-qarrejja tagħna bil-kitba ta' Rigu Bovingdon f'dan-numru fuq il-Maltawstraljan.

F'dan-numru ridna nagħmlu aktar ukoll. Stampajna mill-ġdid iż-"Żieda mat-Tagħrif" li, minkejja 2000 kopja fil-ħarġa speċjali ta' tliet snin ilu, ma għadhiex tinstab fl-idejn. Qegħdin ukoll nippubblikaw il-"Memorandum" li delegazzjoni mill-Kunsill ta' l-Akkademja fid-9 ta' Ġunju ppreżentat lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni. Għax il-Malti, minkejja l-provvedimenti fuqu fil-Kostituzzjoni u fil-liġijiet, ma jinġiebx 'il quddiem bl-istudji biss, imma minn żmien għal żmien ikun jeħtieġ appoġġ mill-awtorità pubblika kompetenti. Hekk, f'dan il-każ, kif fid-19 ta' Diċembru 1984 delegazzjoni mill-Akkademja tat numru ta' kopji taż-"Żieda mat-Tagħrif" lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr. Karmenu Mifsud Bonniċi li laqa' t-talba tagħna li ż-Żieda tiġi adottata uffiċjalment (kif deher aktar fit-tul f'*Il-Malti* tas-sena 1985), fix-xhur reċenti l-Akkademja ġeddet il-kuntatti siewja tagħha mal-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr. Ugo Mifsud Bonniċi biex tissokta tis-saħħaħ l-ortografija uffiċjali tal-Malti magħrufa minn kulħadd bħala "tal-Għaqda".

Ix-xewqa ta' l-Akkademja tal-Malti tinħass f'kull min għandu għal qalbu l-kitba korretta tal-Lsien nazzjonali kullimkien. Ġie li jidhru nuqqasijiet li jinħassu aktar serji fejn ma tistennihomx. Madankollu, nibqgħu nħeġġu lil kulħadd, l-aktar lill-għalliema u lill-ġurnalisti, li f'idejhom għandhom oqsma importanti fil-ħajja Maltija bħalma huma l-iskejjel kollha u l-mezzi diversi tal-komunikazzjoni soċjali.

## Avviż

Il-ħarġa li jmiss ta' *Il-Malti* se tkun waħda speċjali dwar Karmenu Vassallo. Il-Bord Editorjali tar-rivista jistieden lil min għandu xi xogħol għal din il-pubblikazzjoni (li jrid ikun oriġinali u li la huwa pubblikat u anqas ikun pubblikat banda oħra matul is-sena 1988), biex jibagħtu lill-Editur mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 1987.